# Il-Kappella San Publju Martri

## *'Mużew ċkejken għall-Furjana u għal min iżurha'*

Dan, m'huwiex l-ewwel artiklu li deher fuq il-kappella ddedikata lil San Publju. Din il-kappella ċkejkna f'waħda mill-idjaq toroq tal-Furjana (Triq l-Isqof Dom Mauro Caruana) hija librerija ċkejkna iżda rikka ta' xogħolijiet artistiċi, artiġjanat u dokumenti relatati ma' San Publju u oħrajn. Din il-kappella hija ħajja matul is-sena kollha; u għax hi ħajja qatt ma waqfet tiżviluppa tul dawn l-aħħar disa' snin. Kull min daħal fiha baqa' mistagħġeb bl-iżviluppi li saru fiha kull sena u bosta jsejjħulha 'Mużew ċkejken għall-Furjana u għal min iżurha'.

L-iskop prinċipali ta' din il-kappella kien, li sservi sabiex tinxtered u tibqa' ħajja d-devozzjoni lejn San Publju. Dan, għall-grazzja t'Alla, qed jintlaħaq. Ta' min jgħid li l-laqgħat tal-Assoċjazzjoni, l-attivitajiet u inizjattivi oħra relatati, ilkoll jinbtu minn hawn ġew. Il-kappella hija ħajja wkoll, mhux biss minħabba l-manutenzjoni li ssirilha minn żmien għal żmien iżda wkoll (u aktar), minħabba li tilqa' kull ġimgħa lit-tfal membri fl-Assoċjazzjoni (i.e. Il-grupp Ulied S. Publju - Ħbieb tal-artal). Lil dawn, issirilhom laqgħa ta' formazzjoni (qari u spjegazzjoni tal-Vanġelu u attivitajiet/logħob b'tifsira spiritwali). Minn ġimgħa għal oħra jingħatalhom tagħrif dwar ġrajjiet kurrenti fil-Knisja u San Publju, kemm mill-aspett spiritwali u anke kulturali. Fosthom qed isir sforz biex jitgħallmu l-innijiet tal-qaddis u t-tifsira profonda tagħhom.



### Laqgħa ta' tagħrif dwar it-Tieni Gwerra u wirja

Fis-27 ta' April 2012 saret laqgħa għat-tfal membri (abbatini) u ġiet irrakkuntata lilhom il-ġrajja tal-bumbardament tat-Tieni Gwerra. Dan sar kemm b'mod viżwali u anke permezz ta' oġġetti konkreti li t-tfal setgħu imissu - bħal biċċiet mill-ajruplan Ġermaniż, skartoċċ, fdalijiet tal-kor l-antik u bċejjeċ mill-linef li nkisru bil-gwerra, oġġetti tas-suldati u oħrajn. Din il-laqgħa kienet interessanti ħafna u offriet tagħrif u esperjenza sabiħa lit-tfal li kienu għatxana ħafna li jisimgħu, tant li baqgħu jitkellmu fuqha, anke wara li spiċċat il-laqgħa.

Bosta minn dawn l-oġġetti kienu qed jiffurmaw parti mill-wirja li kellha l-kappella s-sena l-oħra bit-tema "Il-Bumbardament tal-knisja ta' San Publju".





**Manutenzjoni u xogħol**

Kif jiġri kull sajf, din is-sena wkoll sar xogħol ta' manutenzjoni fil-kappella. Dan kien jinvolvi tqaxxir u tikħil mill-ġdid tal-ħajt kollu li wara reġa' ngħata l-kulur.

**Oġġetti rregalati**

- **Grazzi** lis-sinjura **Mary Mackay** li għoġobha tagħti lill-kappella xi drappijiet biex jintużaw matul is-sena.
- **Grazzi** lis-sur **Chris Vella** li għoġbu jirregala lill-kappella pjaneta ħadra tal-ex. Arċipriet Mons. Salvinu Fenech.
- **Grazzi** lis-sinjura **Josette Gatt** li għoġobha tirregala lill-kappella sett ta' trieħi maħduma bl-idejn u sett gandlieri tal-ħadid.
- **Grazzi** wkoll lill-**familja Cauchi** li għoġobha tagħti lill-kappella niċċa ta' San Publju li kienet tal-qarib tagħhom is-sur Ġużi Cauchi li ħalliena fl-2012.
- **Grazzi** lis-sur **Paul Agius** talli għoġbu jirregala lill-kappella żewġ ikoni ta' Kristu u l-Madonna bil-Bambin, xogħol ta' rakkmu mit-Turkija. Barra dan irregala wkoll ornament fejn fih jiġi mħallat l-inċens.

**Xogħol ġdid**

Fil-festa tal-2012, inħadmu sett ta' erba' fjuretti ġodda mis-sinjura **Rosette Hili.**

Din is-sena inxtara damask ġdid li ser ikun qed jiksi l-ħajt kollu tal-kappella. Dan id-damask kien meħtieġ minħabba li dak ta' qabel ma bedhiex iservi wara l-estensjoni tal-kappella li saret. Grazzi lis-sinjura **Doreen Gatt** għax-xogħol tat-tifsil u l-ħjata.

Iżda, l-akbar biċċa xogħol għal din is-sena, kienet il-modifikazzjoni estensiva li saret fuq l-isbaħ biċċa xogħol artistika tal-kappella - l-istatwa ta' San Publju.

